# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 2001**

**Numru 2**

**Citaz. numru: 2483/99 M2 NA**

**Joseph Cauchi**

**vs**

**Lorraine Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuta tal-25 ta' Mejju 2001;

Rat ir-risposta ta' l-attur tal-25 ta' Gunju 2001;

Semghet lill-partijiet u lid-difensuri taghhom fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2001.

Tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talbiet hemm proposti u tordna li l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri tlett darbiet

fil-gimgha, darbtejn f'dawk il-granet li jkun "off" u darba f'dik il-gurnata li jkun "night" (u cioe' meta jahdem mill-11.00 p.m. sas-7.00 a.m.). L-access ghandu jigi ezercitat bejn is-2.00 p.m. u s-7.30 p.m. L-attur ghandu javza lill-konvenuta fil-bidu ta' kull gimgha meta jkun sejjer jigi ezercitat l-access f'dik il-gimgha. Fil-granet fejn l-access qed jigi ezercitat skond kif fuq spjegat fil-gurnata tal-Gimgha jew tas-Sibt, fejn allura l-minuri ma jkollux skola l-ghada, il-minuri jkun jista' jorqod ma' l-attur u allura f'dawn il-granet l-access ikun mis-2.00 p.m. sal-ghada fid-9.00 a.m. meta l-minuri jrid ikun irritornat lill-konvenuta.

L-ispejjez huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.